

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10165/19

ECOFIN 620
UEM 223
SOC 472
EMPL 361
COMPET 501
EDUC 307
ENV 592
RECH 340
ENER 344
JAI 702
FSTR 123
REGIO 159

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9936/19 - COM(2019) 512 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tal-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 512 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ ("Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro") li tistabilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ("ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro").
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Italja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) ta' hawn taħt. B'mod partikolari, il-miżuri fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja u l-kompetizzjoni se jgħinu biex tiġi indirizzata l-ewwel rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward ta' swieq tal-prodotti reżiljenti u l-kwalità tal-istituzzjonijiet; l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fl-oqsma speċifikati u l-użu ta' qligħ mhux mistenni biex jitnaqqas id-dejn pubbliku se jgħin biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investment u l-bini mill-ġdid tal-bafers; miżuri li jtejbu l-impjegabbiltà u jċaqalqu l-piż tat-taxxa minn fatturi produttivi se jgħinu biex tiġi indirizzata t-tielet rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol, u miżuri biex itejbu l-karti tal-bilanċ tal-banek se jgħinu biex tiġi indirizzata r-raba' rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tat-tnaqqis ta' self improduttiv.

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

- (3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2019 għall-Italja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Huwa vvaluta l-progress li għamlet l-Italja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu li ngħataw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Italja biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-27 ta' Frar 2019. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Italja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, id-dejn għoli tal-gvern u d-dinamiċi dgħajfin tal-produttività fit-tul jimplikaw riskji b'rilevanza transfruntiera. Il-ħtieġa għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti negattivi fuq l-ekonomija Taljana u fuq l-unjoni ekonomika u monetarja, minħabba d-daqs u r-rilevanza transfruntiera tal-ekonomija tal-Italja, hija partikolarment sinifikanti.
- (4) Fid-19 ta' April 2019, l-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt. Il-programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2019 jindirizza parzjalment biss il-kwistjonijiet strutturali li tqajmu mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018, u d-dettalji dwar il-ftit impenji ġodda li fih, kif ukoll dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, spiss huma neqsin. Madankollu, l-istrateġija ta' riforma tagħha tibni fuq riformi kbar diġà ppjanati f'oqsma differenti, li juru kontinwità wiesgħa meta mqabbla mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma li għaddew.

⁴ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 48.

- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati waqt l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) L-Italja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2019, il-gvern qed jistenna li d-defiċit nominali jiżdied minn 2,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal 2,4 % fl-2019, u li minn hemm 'il quddiem jonqos għal 2,1 % fl-2020 u 1,5 % sal-2022. Dawn il-projezzjonijiet jassumu żieda fil-VAT (1,3 % tal-PDG fl-2020 u 1,5 % tal-PDG mill-2021) illeġislata bħala "klawżola ta' salvagwardja" biex jintlaħqu l-miri baġitarji mill-2020. Abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat⁶, l-objettiv baġitarju fuq terminu medju – li nbidel minn pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali fl-2019 għal bilanċ pożittiv ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali mill-2020 – mhuwiex ippjanat li jintlaħaq fil-perjodu tal-programm. Wara li żdied fl-2018 (għal 132,2 % tal-PDG, minn 131,4 % fl-2017), il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG, fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, huwa mistenni li jiżdied b'0,4 punti perċentwali tal-PDG għal 132,6 % fl-2019, u li jonqos għal 128,9 % sal-2022. Dawn il-projezzjonijiet jassumu dħul mill-privatizzazzjoni ta' 1 % tal-PDG fl-2019 u ta' 0,3 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed daww il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin iż-żidiet fil-VAT illeġislata bħala "klawżoli ta' salvagwardja" ġew revokati sistematikament mingħajr miżuri alternattivi ta' finanzjament adegwati, u l-miri tal-privatizzazzjoni ma ntaħqux. Abbażi ta' politika li ma tinbidilx, it-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2019 jistenna tkabbir tal-PDG nominali aktar baxx u defiċit oġġla tal-gvern għall-2020 minn daww mistennija fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2019. It-tbassir tal-Kummissjoni ma jinkorporax iż-żieda fil-VAT illeġislata bħala "klawżola ta' salvagwardja" fl-2020.
- (7) Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-Italja mar-regola tad-dejn fl-2018. Ir-rapport ikkonkluda, wara valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, li l-kriterju tad-dejn kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 jenħteġ li jitqies bħala mhux konformi, u li għalhekk proċedura ta' defiċit eċċessiv ibbażata fuq id-dejn hija ġġustifikata.

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (8) Wara t-talba li saret fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju rivedut tal-2019, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 jikkonferma li l-impatt baġitarju tal-kollass tal-pont Morandi f'Ġenova u ta' kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonalment ħżiena li seħħew fl-2018 kien sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. B' mod partikolari, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 jindika li l-baġit tal-2019 jinkludi nefqa eċċezzjonali li tammonta għal madwar 0,2 % tal-PDG b'rabta ma' programm straordinarju ta' manutenzjoni tan-netwerk tat-toroq u pjan preventiv biex jiġu limitati r-riskji idroġeoloġiċi. Minħabba r-rabta diretta mal-waqgħa tal-pont Morandi f'Ġenova u l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp tal-2018, it-trattament speċifiku tal-ispiża għall-manutenzjoni straordinarja tat-toroq u l-prevenzjoni tar-riskju idroġeoloġiku jistgħu jiġu kkunsidrati fl-applikazzjoni tal-"klawżola ta' avveniment mhux tas-soltu". Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2019 tammonta għal 0,18 % tal-PDG għal dawn il-miżuri. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba li l-kollass tal-pont Morandi f'Ġenova u l-kundizzjonijiet eċċezzjonalment ħżiena tat-temp jitqiesu bħala avvenimenti mhux tas-soltu, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Italja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien. Valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, se ssir fir-rebbiegħa tal-2020 fuq il-bażi tad-data osservata għall-2019 kif ipprovduta mill-awtoritajiet Taljani.

- (9) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta⁷ ma taqbiżx 0,1 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-oġġettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2019. Dik il-konklużjoni ma tinbidilx lanqas jekk l-impatt baġitarju tal-programm straordinarju ta' manutenzjoni għan-network tat-toroq wara l-kollass tal-pont Morandi f'Ġenova u ta' pjan preventiv biex jiġu limitati r-riskji idroġeoloġiċi wara kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonalment ħżiena, tnaqqsu mir-reqwizit tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019.
- (10) Fl-2020, fid-dawl tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali tal-Italja ta' aktar minn 60 % tal-PDG u l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni mistenni ta' -0,1 %, in-nefqa primarja netta għandha tonqos b' 0,1 % f'termini nominali, f'konformità mal-aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG li jirriżulta mill-matriċi tar-reqwiziti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019 f'politiki mhux mibdula, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mir-reqwizit fl-2020. L-Italja prima facie mhux mistenni li tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2019 u l-2020. Barra minn hekk, għal madwar 132 % tal-PDG, il-proporzjon għoli ta' dejn pubbliku tal-Italja jimplika li riżorsi kbar huma allokat biex ikopru l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn, għad-detriment ta' aktar oġġetti li jsaħħu t-tkabbir inkluż l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-infrastruttura. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2019 jenħtieġ li jittieħdu miżuri neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Ikun importanti li jintuża kwalunkwe gwadann mhux previst biex ikompli jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika.

⁷ In-nefqa primarja nett tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa huma esklużi

(11) Is-sistema tat-taxxa tal-Italja qed tkompli tkun ta' piż kbir fuq il-fatturi tal-produzzjoni, għad-detriment tat-tkabbir ekonomiku. Il-piż għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol u l-kapital jiskoraġġixxi l-impjiegi u l-investment. Il-baġit tal-2019 naqqas it-tassazzjoni fuq persuni li jaħdmu għal rashom u negozji żgħar. Madankollu, għolla wkoll b'mod temporanju l-piż tat-taxxa fuq id-ditti fil-livell aggregat, b'mod partikolari fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji. Bażijiet tat-taxxa li huma inqas dettrimentali għat-tkabbir, bħalma huma l-proprjetà u l-konsum, ma jintużawx biżżejjed, u jħallu spazju biex il-piż tat-taxxa jitneħħa minn fuq ix-xogħol u l-kapital b'mod li ma jkollux effett fuq il-baġit. Taxxa rikorrenti fuq l-ewwel proprjetà ġiet revokata fl-2015, inkluż għal familji aktar sinjuri. Barra minn hekk, il-valuri tal-art u tal-proprjetà (jew valuri "katastali"), li jservu bħala bażi għall-kalkolu tat-taxxa fuq il-proprjetà, huma fil-biċċa l-kbira skaduti, u riforma biex jiġu allinjati mal-valuri attwali tas-suq għadha pendenti. L-għadd u d-daqs tan-nefqa tat-taxxa, b'mod partikolari fil-każ tar-rati mnaqqsa għat-taxxa fuq il-valur miżjud, huma għoljin, u s-simplifikazzjoni tagħhom ġiet posposta sistematikament fis-snin reċenti. Hemm ukoll lok biex jittaffa l-piż fuq kumpaniji konformi u unitajiet domestiċi billi titnaqqas il-kumplessità tal-kodiċi tat-taxxa u jżied il-livell ġenerali ta' konformità mat-taxxa. B'mod partikolari, id-diskrepanza tal-VAT (id-differenza bejn id-dħul teoretiku mill-VAT u dak attwalment miġbur) hija fost l-ogħla fl-Unjoni. Waħda mir-raġunijiet għal dan huwa l-livell għoli ta' evażjoni tat-taxxa, li huwa relatat b'mod speċjali mal-kontijiet u r-riċevuti li tħallew barra. It-trażmissjoni elettronika obbligatorja tal-irċevuti għat-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha mal-konsumaturi finali hija pass pożittiv biex tiġi rrimedjata d-diskrepanza. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin żdiedu l-limiti legali għal pagamenti fi flus, u dan jista' jiskoraġġixxi l-użu ta' pagamenti elettroniċi. L-inkoraġġiment ta' pagamenti elettroniċi minflok jista' jqajjem inċentivi biex jinħarġu kontijiet u riċevuti u b'hekk titjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa.

(12) In-nefqa tal-Italja fir-rigward tal-pensjonijiet, ta' madwar 15 % tal-PDG fl-2017, hija fost l-oġhla fl-Unjoni, u hija mistennija li tiżdied fuq terminu medju minħabba d-deterjorament tal-proporzjon tad-dipendenza tal-età avvanzata. Il-baġit tal-2019 u d-digriet leġiżlattiv li jimplimenta l-iskema l-ġdida ta' rtirar bikri f'Jannar 2019 imorru lura fuq elementi ta' riformi tal-pensjonijiet tal-imgħoddi, u b'hekk aggravaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq perjodu ta' żmien medju. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda se jkomplu jżidu n-nefqa tal-pensjonijiet fuq perjodu ta' żmien medju. Bejn l-2019 u l-2021, l-iskema l-ġdida ta' rtirar bikri ("kwota 100") se tippermetti li n-nies jirtiraw fl-età ta' 62 jekk ikunu ħallsu 38 sena ta' kontribuzzjonijiet. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti għall-irtirar bikri ġie estiż, inkluż bis-sospensjoni sal-2026 tal-indiċjar għall-istennija tal-għomor tal-kontribuzzjoni minima meħtieġa, li kien introdott minn riformi tal-pensjonijiet fil-passat. Għal dawn id-dispożizzjonijiet, il-baġit tal-2019 alloka fondi li jiswew 0,2 % tal-PDG fl-2019 u 0,5 % tal-PDG fl-2020 u l-2021, iżda huma mistennija spejjeż addizzjonali fis-snin li ġejjin. In-nefqa pubblika għolja għal pensjonijiet tirrestrinġi nefqiet oħra soċjali u li jsaħħu t-tkabbir bħall-edukazzjoni u l-investment, u tillimita l-marġini għat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa ġenerali għoli u d-dejn pubbliku għoli. Barra minn hekk, it-twessigħ tal-possibbiltà għall-irtirar kmieni jista' jaffettwa l-provvista tax-xogħol b'mod negattiv, f'kuntast fejn l-Italja diġà tinsab lura meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema aktar anzjani tagħha fl-impjiegi (55-64), u b'hekk jitfixkel it-tkabbir potenzjali u tmur għall-aġar is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. Sabiex tiġi limitata ż-żieda fin-nefqa fuq il-pensjonijiet, ir-riformi tal-pensjonijiet li kienu adottati qabel biex jittrażżnu l-obbligazzjonijiet impliċiti li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni jenħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ. Barra minn hekk, jista' jinkiseb iffrankar billi jsir intervent fuq l-intitolamenti ta' pensjoni għolja mhux akkumpanjati minn kontribuzzjonijiet, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' ġustizzja u proporzjonalità.

(13) Minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-impjieg komplew jiżdiedu fl-2018, għalkemm b'pass ftit aktar bil-mod mis-sena ta' qabel. L-għadd ta' persuni li għandhom impjieg laħaq it-23,2 miljun fi tmiem is-sena, u b'hekk qabeż il-livelli ta' qabel il-kriżi. Ir-rata tal-impjieg (20-64 snin) żdiedet għal 63 % s-sena l-oħra, iżda għadha ferm taħt il-medja tal-Unjoni (73,2 %). Barra minn hekk, il-lakuni reġjonali huma sostanzjali u s-suq tax-xogħol għadu segmentat, bis-sehem ta' kuntratti temporanji li komplew jiżdiedu fl-2018. Ir-rata tal-qgħad naqset għal 10,6 %. Il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh għadu għoli, meta wieħed iqis it-tkabbir potenzjali u l-koeżjoni soċjali. L-inattività hija prevalenti fost in-nisa, il-persuni b'ħiliet baxxi u ż-żgħażaġh. Barra minn hekk, is-sehem taż-żgħażaġh (15-24) la fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, fil-livell ta' 19,2 % fl-2018, huwa l-oġhla fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-part-time involontarju huwa mifruż, u dan jindika li għad hemm laxkezza fis-suq tax-xogħol.

(14) L-inugwaljanza fid-dħul u r-riskju tal-faqar huma għoljin, b' disparitajiet regionali u territorjali wiesgħa. Fl-2017, 28,9 % tal-popolazzjoni kienet f' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, 'il fuq mil-livelli ta' qabel il-kriżi u sew oġġla mill-medja tal-Unjoni tal-2017 (22,4 %). It-tfal, speċjalment dawk bi sfond ta' migrazzjoni, huma affettwati b' mod partikolari. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa għoli u qed jiżdied, b' mod partikolari fost il-ħaddiema temporanji u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Dawk li jaħdmu għal rashom, li jirrappreżentaw 20,8 % tal-forza tax-xoġhol (kontra l-medja tal-Unjoni ta' 13,7 %), huma ġeneralment inqas protetti kontra r-riskji soċjali mill-impjegati. L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata huwa wkoll sfida u l-forniment ta' servizzi soċjali għadu mhux żviluppat u frammentat. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni. L-iskema kontra l-faqar introdotta fl-2018 ġiet sostitwita minn skema ġdida ewlenija (introjtu miċ-ċittadinanza), li żżomm approċċ ta' inklużjoni attiva, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Il-piż amministrattiv konsiderevoli fuq l-impjegati u s-servizzi soċjali jirrappreżenta sfida għall-implimentazzjoni tar-riforma. L-impatt reali tagħha se jiddependi fuq kemm huma effettivi l-politiki biex in-nies jibdeu jaħdmu jew jitħarrġu, il-punt sa fejn jiġu pprovduti s-servizzi soċjali personalizzati u fuq il-kontrolli. B' mod partikolari, il-kapaċità effettiva biex jintlaħqu dawk l-aktar fil-bżonn se tinfluwenza l-impatt fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Ir-riżultat tas-sistema tas-saħħa huwa tajjeb b' mod ġenerali, minkejja l-infiq taħt il-medja tal-Unjoni. Madankollu, il-provvista tal-kura tas-saħħa tvarja ħafna madwar ir-reġjuni, li taffettwa l-aċċess, l-ekwità u l-effiċjenza, u tista' tittejjeb permezz ta' amministrazzjoni aħjar u billi timmonitorja t-twassil ta' livelli standard ta' servizzi. Aktar kura domestika u bbażata fil-komunità u kura fit-tul huma essenzjali biex jingħata appoġġ lill-persuni b' diżabilità u lil gruppi żvantaġġati oħra.

- (15) Ix-xogħol mhux iddikjarat huwa mifrux fl-Italja, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar. Skont l-istimi tal-Istitut Nazżjonali tal-Istatistika, l-ekonomija mhux osservata kienet valutata madwar EUR 210 biljun (12,4 % tal-PDG) fl-2016. Madwar 37,2 % minnha tista' tiġi attribwita għax-xogħol mhux iddikjarat. Dan jaffettwa b' mod partikolari lill-gruppi vulnerabbli, bħall-migranti, in-nisa u l-minorenni. L-Aġenzija l-ġdida tal-Ispettorat tax-Xogħol, li ilha topera mill-2017, tat attenzjoni partikolari lill-fenomeni tal-"*caporalato*" fis-settur agrikolu, ikkaratterizzat minn inċidenza għolja ta' irregolarità u minn riskju ta' sfruttament tax-xogħol, speċjalment għall-migranti irregolari. Monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri adottati dan l-aħħar kif ukoll passi addizzjonali huma meħtieġa biex jiġu indirizzati u evitati x-xogħol mhux iddikjarat u l-isfruttament tax-xogħol, u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi żgurat li l-operazzjonalizzazzjoni tal-introjt ta' ċittadinanza jimmassimizza l-inċentivi għal xogħol regolari u t-trasformazzjoni tax-xogħol mhux iddikjarat f'impjieg regolari, kemm permezz ta' monitoraġġ mill-qrib kif ukoll permezz ta' inċentivi pożittivi.
- (16) It-titjib tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, billi jiġu pprovduti aktar riżorsi u servizzi ta' kwalità aħjar, huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tar-riforma dwar l-iskema l-ġdida tad-dħul ta' ċittadinanza. F'dan il-kuntest ta' skema ġdida ta' dħul ta' ċittadinanza għal persuni b' introjtu baxx u għal persuni qiegħda, politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi huma għodda importanti biex jitnaqqsu l-frizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jiġu inċentivati n-nies biex ifittxu impjieg. F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li s-servizzi tal-impjiegi jkunu mġammra b' persunal suffiċjenti u kkwalifikat. Għajna effettiva għat-tfittix ta' impjieg bil-għan li jissaħħu t-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet hija kruċjali biex titjeb il-mobilità tax-xogħol u l-ħaddiema jingħataw il-ħiliet xierqa għall-isfidi futuri tas-suq tax-xogħol u ambjent tax-xogħol dejjem aktar diffiċli u kompetittiv. Dan l-aħħar ittieħdu xi passi biex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol isiru aktar effettivi, bħad-definizzjoni tal-indikaturi tal-monitoraġġ u l-istandards minimi, l-adozzjoni ta' strateġija għal dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil u l-iżvilupp ta' għodda kwalitattiva għat-tfassil ta' profili. Madankollu, l-effiċjenza ġenerali tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-kapaċità tagħhom biex isibu impjiegi għan-nies għadhom dgħajfa, il-prestazzjoni tvarja ħafna bejn ir-reġjuni u l-integrazzjoni mal-politiki soċjali u edukattivi hija limitata. Il-kooperazzjoni ma' min iħaddem hija wkoll dgħajfa.

- (17) Id-disparità bejn is-sessi fl-impjiegi tibqa' waħda mill-ogħla fl-Unjoni u r-rata ta' impjieg tan-nisa, għalkemm żdiedet bi ftit, hija sostanzjalment aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni (53,1 % meta mqabbla ma' 67,4 % fl-2018). L-investment fis-servizzi tal-kura u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadu mhux biżżejjed, kif ukoll miżuri għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u politiki adegwati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Madankollu, għadha ma teżistix strateġija komprensiva għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li l-liv tal-paternità obbligatorju kien estiż marġinalment minn erba' għal ħamest ijiem, is-sistema tal-liv tal-ġenituri għadha inadegwata. Dan, flimkien ma' servizzi tal-kura tat-tfal u servizzi tal-kura fit-tul li mhumiex żviluppatti biżżejjed, għandu t-tendenza li jipprevjeni lin-nisa bit-tfal jew membri oħrajn tal-familja li jeħtieġu l-kura milli jaħdmu. Fl-2017, 28,6 % biss tat-tfal taħt it-tliet snin kienu f'edukazzjoni formali bikrija tat-tfal, ferm taħt il-medja tal-Unjoni. L-investment fil-kura tat-tfal, is-saħħa u l-kura fit-tul jenħtieġ li jqisu d-differenzi ġeografiċi wiesgħa fid-disponibbiltà tas-servizzi. Barra minn hekk, porzjon ta' taxxa għoli għal dawk li jaqilgħu t-tieni paga jnaqqas l-inċentiv finanzjarju għan-nisa biex jibdeu jaħdmu. Il-parteċipazzjoni ogħla tan-nisa fil-forza tax-xogħol, daqs ir-rati ogħla ta' parteċipazzjoni b' mod ġenerali, tista' trawwem it-tkabbir ekonomiku billi żżid il-provvista tax-xogħol, ittaffi l-faqar u ttaffi r-riskji soċjali u finanzjarji li qed jiżdiedu minħabba t-tixjij tal-popolazzjoni.
- (18) Ir-riforma prevista fil-bidu tal-qafas ta' negozjar kollettiv kellha l-għan li s-salarji u l-pagi jkunu aktar konformi mal-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-livell reġjonali u sod. F'Marzu 2018, Confindustria ffirmat ftehim qafas mat-tliet trejdjunjins ewlenin Taljani (Cgil, Cisl u Uil) sabiex tiftaħ in-negozjar tat-tieni livell. Barra minn hekk, il-ftehim iżid iċ-ċertezza legali billi jistabbilixxi regoli aktar ċari għar-rappreżentazzjoni tas-sħab soċjali fin-negozjati u jistabbilixxi algoritmu mtejjeb biex jiġu stabbiliti l-valuri minimi tal-pagi. L-ewwel ftehim ta' implimentazzjoni dwar ir-rappreżentattività, is-saħħa u s-sikurezza tax-xogħol ġie ffirmat fi tmien l-2018 mill-assoċjazzjoni ta' min iħaddem u t-tliet trejdjunjins ewlenin.

(19) L-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet huwa kruċjali biex jiġi promoss tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli. Ix-xejra fil-produttività kajmana tal-Italja hija affettwata mid-dgħufijiet tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u d-domanda dgħajfa għal ħiliet għolja. It-titjib tal-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija sfida kbira. Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola (tluq bikri mill-iskola) tibqa' ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni (14,5 % vs 10,6 % fl-2018) u hemm differenzi reġjonali u territorjali kbar fir-riżultati edukattivi. Filwaqt li s-sehem tal-finanzjament allokat għall-edukazzjoni primarja u sekondarja huwa ġeneralment konformi mal-medja tal-Unjoni, aktar sforzi biex jattiraw, effettivament jirreklutaw u jimmotivaw lill-għalliema jistgħu jtejbu r-riżultati tat-tagħlim. Is-sistema ta' reklutaġġ hija bbażata wisq fuq l-għarfien aktar milli bbażata fuq il-ħiliet, filwaqt li l-komponent tat-taħriġ huwa limitat. Barra minn hekk, is-salarji tal-għalliema Taljani għadhom baxxi meta mqabbla mal-istandards internazzjonali u għal ħaddiema b'edukazzjoni terzjarja. Iż-żidiet fis-salarji huma aktar bil-mod milli fost il-pari internazzjonali u l-prospetti tal-karriera huma aktar limitati, ibbażati fuq perkors ta' karriera waħda. Barra minn hekk, il-promozzjonijiet huma bbażati esklużivament fuq l-anzjanità fil-kariga u mhux fuq il-mertu. Dan jirriżulta f'attraenza baxxa ħafna tal-professjoni tal-għalliema għal persuni bi kwalifiki għolja u skoraġġiment tal-persunal tat-tagħlim, li mbagħad għandu impatt negattiv fuq l-eżiti tat-tagħlim tal-istudenti. Is-sistema ta' apprendistat kienet qed iżżid il-momentum f'dawn l-aħħar snin, iżda l-miżuri adottati naqqsu dan ir-ritmu. L-istudenti u l-adulti Taljani huma fost dawk li jmorru l-aġħar fl-Unjoni fil-kompetenzi ewlenin u fil-ħiliet bażiċi. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim hija limitata ħafna u qed tonqos, f'kuntest fejn id-differenza fl-impjiegi bejn dawk bi ftit kwalifiki u dawk b'livell baxx ta' ħiliet hija fost l-ogħla fl-Unjoni. Hemm bżonn ta' titjib tal-ħiliet b' mod partikolari għall-ħiliet diġitali. Sa issa sar progress limitat fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u l-infrastruttura. L-investiment fil-kapital uman huwa prerekwiżit biex tingħata spinta lill-investiment pubbliku u privat u l-miżuri attwali biex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali u t-tagħlim għall-adulti huma nieqsa minn approċċ komprensiv. Livelli ta' ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati huma taħt il-medja tal-Unjoni – 44 % biss tal-individwi bejn 16 u 74 sena għandhom ħiliet diġitali bażiċi (57 % fl-Unjoni).

- (20) Investiment dgħajjed fil-ħiliet qed inaqas ir-ritmu tat-tranżizzjoni tal-Italja għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien, qed iżomm lura t-tkabbir tal-produttività u jillimita l-potenzjal li jtejjeb il-kompetittività mhux marbuta mal-prezzijiet u t-tkabbir tal-PDG. Id-diskrepanzi fl-edukazzjoni jgħinu wkoll biex jispjegaw il-produttività aktar baxxa tal-intrapriżi mikro u żgħar tal-Italja meta mqabbla mal-pajjiżi pari. L-edukazzjoni terzjarja hija sottofinanzjata u ma għandhiex biżżejjed persunal, u l-ambitu tal-edukazzjoni għolja orjentata lejn il-vokazzjoni huwa limitat minkejja rati għoljin ta' impjegabbiltà. Il-proporzjon ta' gradwati universitarji għadu baxx (27,9 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-30 u l-34 sena fl-2018) u huwa akkumpanjat minn disponibbiltà relattivament baxxa ta' gradwati terzjarji, speċjalment f'oqsma xjentifiċi u tekniċi, investimenti mmirati fil-ħiliet huma prerekwiżit biex tingħata spinta kemm lill-investiment pubbliku kif ukoll dak privat, b'mod partikolari fl-assi intanġibbli. Hemm bżonn li jissaħħu l-istudji f'oqsma rilevanti għal setturi b'għarfien intensiv u li jissaħħu l-ħiliet speċifiċi, bħal dawk diġitali u finanzjarji.
- (21) L-adozzjoni minn ditti iżgħar ta' strateġiji biex iżidu l-produttività, bħall-innovazzjoni tal-prodott, il-proċess u l-organizzazzjoni, għadha limitata, b'mod partikolari fin-Nofsinhar tal-Italja. L-investiment fl-assi intanġibbli kien ferm taħt il-medja tal-Unjoni sa mill-bidu tas-snin 2000. In-nefqa tan-negozju fuq ir-riċerka u l-iżvilupp hija kważi nofs il-livell medju taż-żona tal-euro. L-appoġġ pubbliku għan-nefqa kummerċjali fuq ir-riċerka u l-iżvilupp għadu baxx, għalkemm qed jitjieb bis-saħħa tar-rwol akbar ta' inċentivi fiskali. In-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ukoll tinsab taħt il-medja taż-żona tal-euro. Livell baxx ta' innovazzjoni jista' jnaqqas ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika. It-titjib fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Italja jeħtieġ aktar investiment fl-assi intanġibbli, kif ukoll aktar enfasi fuq it-trasferiment tat-teknoloġija, filwaqt li jitqiesu d-dgħufijiet reġjonali u d-daqs tad-ditti. Dan l-aħħar tħabbru xi miżuri fil-baġit biex jipromwovu teknoloġiji innovattivi. L-appoġġ pubbliku għan-nefqa kummerċjali fuq ir-riċerka u l-iżvilupp jista' jittejjeb permezz ta' taħlita bbilanċjata ta' miżuri diretti u indiretti u valutazzjoni fil-fond tal-inċentivi temporanji eżistenti tat-taxxa, sabiex dawk l-aktar effiċjenti jsiru permanenti. Miżuri għall-appoġġ tal-għarfien (bħal raggruppamenti teknoloġiċi) u l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji jgħinu kumpaniji iżgħar b'mod partikolari biex jindirizzaw dawn id-diffikultajiet u jżidu l-produttività baxxa tagħhom.

(22) Hemm bżonn ta' investiment biex jiżdiedu l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-infrastruttura tal-pajjiż. Fis-settur tat-trasport, l-Italja ma laħqitx l-għanijiet tal-istrateġija tagħha marbuta mal-investiment fl-infrastruttura (*Connettere l'Italia*). Sar progress limitat ħafna fl-implimentazzjoni tal-investimenti ppjanati fil-mobilità ferrovjarja, tat-toroq u tal-mobilità urbana sostenibbli. Dan huwa minħabba dewmien amministrattiv, ineffiċjenzi fl-infiq, implimentazzjoni mhux kompluta tal-Kodiċi dwar l-akkwist u l-konċessjonijiet u l-litigazzjoni. It-tabella ta' valutazzjoni tat-trasport fl-Unjoni turi li l-kwalità tal-infrastruttura tal-Italja hija taħt il-medja tal-Unjoni. L-istat tat-tiswija huwa sors ċar ta' tħassib, kif jidher mill-waqgħa tal-pont Morandi f'Ġenova. Il-Gvern ta' prijorità lill-manutenzjoni u s-sikurezza bi pjan li jimmonitorja l-istatus ta' manutenzjoni tal-infrastruttura kollha u l-ħolqien ta' aġenzija ġdida responsabbli għas-sikurezza tal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq. F'dan ir-rigward, għall-2019 l-Italja ngħata provvediment ta' EUR 1 biljun skont ir-regoli fiskali tal-Unjoni għal pjan ta' investiment biex tagħmel sikura l-infrastruttura tat-toroq simili għall-pont Morandi. L-investiment fit-trasport u l-infrastruttura sostenibbli huwa wkoll mod kif jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali. Hemm bżonn ta' investiment sostnut favur l-ambjent biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-2030 tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Il-Pjan Nazzjonali Integrat tal-Enerġija u l-Klima huwa sors ewlieni ta' gwida biex jiġu stabbiliti ħtiġijiet ta' investiment fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni u l-enerġija. Hemm bżonn ta' investimenti biex tittejjeb l-infrastruttura tal-enerġija, li tikkontribwixxi għal sistema tal-enerġija aktar reżiljenti, nadifa, sigura u flessibbli, filwaqt li tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq u jitnaqqsu d-distakki fil-prezzijiet. Il-grilja tal-elettriku Taljana għadha mhijiex mgħammra biżżejjed biex tlaħħaq ma' aktar skambji bejn il-fruntieri u biex tlaħħaq mal-kobor ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli kif previst għall-2030. L-investiment fil-prevenzjoni tar-riskji idroġeoloġiċi u sismiċi huwa meħtieġ biex titnaqqas in-nefqa ta' emerġenza, inkluż għall-infrastruttura. Għall-2019, l-Italja ngħatat allokkazzjoni ta' EUR 2,1 biljun fir-rigward tar-regoli fiskali tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-prevenzjoni kontra r-riskji idroġeoloġiċi maġġuri. Fl-aħħar nett, investiment effettiv insuffiċjenti qed isir fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma fin-Nofsinhar tal-Italja, filwaqt li r-riskji ta' skarsezza u ta' nixfa qed ikomplu. Il-frammentazzjoni tas-settur, flimkien mal-profil ta' kreditu dgħajjed ta' operatori iżgħar, jibqgħu ostaklu għall-investiment. L-investiment, inkluż ir-rispons tat-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà ambjentali u l-prevenzjoni tar-riskju kif ukoll il-konnettività rurali jikkontribwixxu wkoll biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali. Fiż-żoni rurali, in-netwerk tal-broadband huwa wkoll inqas avvanzat. Dwar il-kopertura broadband ultraveloċi (100 Mbps u aktar), l-Italja għadha lura (24 % biss meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' 60 %) u tinsab qrib il-qiegħ (fis-27 post) b'rata ta' tkabbir li għadha moderata ħafna. Kemm il-kopertura tal-broadband veloċi ħafna kif ukoll l-adozzjoni juru riżultati ferm inqas mill-medji tal-Unjoni.

(23) Il-kapaċità dgħajfa tas-settur pubbliku, speċjalment fil-livell lokali, biex tamministra l-finanzjament tirrappreżenta ostaklu ta' investiment fis-setturi kollha, minħabba proċeduri kumplessi, duplikazzjoni ta' responsabbiltajiet u ġestjoni ħażina tal-impjeg pubbliku. Ħiliet inadegwati fis-settur pubbliku jillimitaw il-kapaċità ta' valutazzjoni, selezzjoni u ġestjoni tal-proġetti ta' investiment. Dan ixekkel ukoll l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, fejn l-Italja għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. Il-kwalità inferjuri tal-governanza fin-Nofsinhar tal-Italja tillimita serjament in-nefqa u l-kapaċità tat-tfassil tal-politika. It-titjib tal-kapaċità amministrattiva huwa prekondizzjoni għat-twassil effettiv tal-investment pubbliku u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, b'effetti pożittivi fuq l-investment privat u t-tkabbir tal-PDG. Dan it-titjib jista' jagħti aktar impatt lill-investimenti fil-broadband, it-trasport, il-ġestjoni tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Italja. Dan tal-aħħar għadu lura l-aktar f'termini ta' investiment intanġibbli. It-titjib tal-kapaċità amministrattiva tal-korpi ċentrali u lokali jkollu impatt pożittiv fuq l-ippjanar, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti ta' investiment, kif ukoll fuq l-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' ostakli possibbli.

(24) Iż-żieda fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika tal-Italja u r-rispons tagħha għan-negozju jkollha impatt pożittiv fuq l-ambjent tan-negozju, l-investiment u l-kapaċità tad-ditti li jisfruttaw opportunitajiet ta' innovazzjoni. Fl-2015, ġiet adottata liġi abilitanti li tirrifirma l-amministrazzjoni pubblika. Ir-riforma indirizzata l-aktar sorsi ta' ineffiċjenza bħalma huma t-tul u l-kumplessità tal-proċeduri, in-nuqqas ta' trasparenza, il-ġestjoni ineffettiva tal-impjeg pubbliku, il-ġestjoni ineffiċjenti tal-intrapriżi li huma proprjetà pubblika, u d-diġitalizzazzjoni baxxa. Sa tmiem l-2017, il-biċċa l-kbira tar-riforma ġiet implimentata u l-infurzar għadu għaddej, bl-appoġġ tal-liġi l-ġdida "*Concretezza*". Madankollu, l-ippjanar inkonsistenti, l-iskarsezza tar-riżorsi finanzjarji u l-koordinazzjoni insuffiċjenti qed idewmu l-implimentazzjoni tas-servizzi pubbliċi diġitali f'oqsma ewlenin bħas-sistemi ta' pagament online, li jgħinu biex titnaqqas il-kumplessità u tiżdied it-trasparenza. L-età medja għolja u l-ħiliet diġitali medji baxxi tal-impjegati pubbliċi qed ikomplu jnaqqsu r-rata tal-proċess. Madankollu, meta jiġu kkombinati miri ċari u infurzar effettiv, ir-riżultati huma evidenti bħal fil-każ tal-iżvilupp rapidu tas-suq elettroniku għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-fatturazzjoni elettronika. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tal-2015 kienet tipprevedi wkoll qafas ġdid li jirrifirma l-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi lokali. Madankollu, f'Novembru 2016 il-Qorti Kostituzzjonali tal-Italja ddikjarat il-proċedura segwita biex tadotta għadd ta' digrietni leġiżlattivi, inkluż dak dwar is-servizzi pubbliċi lokali, bħala antikostituzzjonali. Għalhekk hija meħtieġa inizjattiva leġiżlattiva ġdida li tippromwovi l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi lokali, inkluż billi tagħti prijorità lill-offerti kompetittivi fuq soluzzjonijiet interni jew għotjiet diretti.

- (25) L-aġġornament għad-Dokument Ekonomiku u Finanzjarju 2018 (NADEF 2018) identifika t-tnejn u t-titjib fil-kwalità ta' ċiklu tal-proġett bħala fatturi kritiċi għat-tnedija mill-ġdid ta' nfiq ta' investiment effettiv fl-Italja. Fl-istess dokument, ġiet irrappurtata t-twaqqif ta' fond ta' finanzjament speċifiku għall-preparazzjoni tal-proġetti u għar-rieżami tal-proġetti infrastrutturali ewlenin. Kien previst fond ta' għotja ieħor għat-tnejn ta' proġetti iżgħar implimentati minn korpi lokali. Madankollu, digriet ta' implimentazzjoni dwar iż-żewġ fondi għadhom ma nħarġux, u l-allokkazzjoni assenjata lil dawn il-fondi tista' tkun aktar baxxa minn dik inizjalment ippreżentata fid-DEF 2018. Fil-liġi tal-baġit għall-2019, il-ħolqien ta' "*Centrale per la progettazione*" jissema iżda dan il-korp għadu mhux operattiv u l-ħolqien tiegħu jidher li jeħtieġ sforz aktar fit-tul. F'termini ta' funzjonalità, mhuwiex ċar kif iċ-*Centrale per la progettazione* se tinteraġixxi mal-muniċipalitajiet u korpi lokali oħra.
- (26) It-titjib fl-ambjent tan-negozju jiffaċilita l-intraprenditorija, u kundizzjonijiet ta' qafas aħjar għall-kompetizzjoni jkunu favur allokkazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi u titjib fil-produttività. Jeħtieġ li l-liġi tal-kompetizzjoni annwali tal-2015, adottata f'Awwissu 2017, tiġi implimentata b'mod xieraq. Barra minn hekk, għad hemm ostakli sinifikanti għall-kompetizzjoni f'ċerti setturi, bħas-servizzi ta' negozju u l-bejgħ bl-immnut. It-titjib fil-kwalità tal-qafas regolatorju jiżgura kundizzjonijiet ekwi kemm għall-pjattaformi innovattivi kif ukoll għall-operaturi tradizzjonali, billi jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-ekonomija kollaborattiva u l-kompetizzjoni aktar ġusta fis-setturi kollha. Iż-żieda fil-proċessi kompetittivi għall-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku u konċessjonijiet għall-aċċess għall-beni pubbliċi jaffettwaw b'mod pożittiv il-kwalità tas-servizzi. In-nuqqas ta' stabbiltà regolatorja fis-sistema tal-akkwist pubbliku tista' tipperikola xi benefiċċji ewlenin tar-riformi preċedenti u tikkontribwixxi għad-differiment tal-investiment. Is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti hija mifruxa fuq diversi organizzazzjonijiet, għandha ħafna sovrapożizzjonijiet u hija nieqsa minn sistemi għal koordinazzjoni effiċjenti. Dan inaqqas l-effettività tal-kontrolli fil-prevenzjoni ta' kompetizzjoni inġusta minn negozju mhux konformi.

- (27) L-effiċjenza baxxa tas-sistema tal-ġustizzja ċivili tal-Italja għadha sors ta' tħassib. Fl-2017, iż-żmien meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-Italja kien għadu l-oġhla fl-Unjoni fl-istanzi kollha. Filwaqt li t-tul tal-proċedimenti wera żieda fl-ewwel istanza meta mqabbel mal-2016, ir-riformi tal-passat qed jibdeu jaffettwaw b'mod pożittiv it-tul tal-prova f'kawżijiet oġhla, iżda għad hemm lok biex jiġu limitati l-abbużi tal-proċess u jiġi żgurati funzjonament aktar effiċjenti tal-qrati. Fil-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, għadd kbir ta' kawżi li jidħlu flimkien ma' rati ta' approvazzjoni aktar baxxi tat-taqsimata tat-taxxa tagħha jaffettwaw b'mod negattiv l-effiċjenza tal-Qorti u jqajjmu tħassib dwar is-sistema ġudizzjarja tat-taxxa fl-ewwel u t-tieni istanza. B'mod ġenerali, l-infurzar adegwat ta' regoli proċedurali aktar sempliċi jista' jgħin biex jiġi taffettu b'mod deċiżiv il-proċessi ċivili. F'dan ir-rigward, tħabbret riforma biex tiġi ssimplifikata l-proċedura ċivili, iżda għadha ma ġietx ippreżentata lill-Parlament. Sfidi oħra huma l-użu, li għadu limitat u inkonsistenti, tal-filtru ta' inammissibilità għal appellijiet fit-tieni istanza, l-għadd kbir ta' postijiet battala għall-persunal amministrattiv, u d-differenzi li fadal fil-qrati fl-effettività tal-ġestjoni tal-kawżijiet.
- (28) Dan l-aħħar, l-Italja għamlet xi progress biex ittejjeb il-qafas tagħha kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz ta' protezzjoni aħjar għall-informaturi, rwol aktar b'saħħtu tal-Awtorità Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni fl-implimentazzjoni tagħha, u liġi ġdida kontra l-korruzzjoni f'Jannar 2019. Din tal-aħħar għandha l-għan li tagħti spinta lid-detezzjoni u r-ripressjoni tal-korruzzjoni permezz ta' penali aktar stretti, tekniki ta' investigazzjoni aħjar u skema ta' klemenza għal dawk li jiddennunzjaw il-korruzzjoni. Il-liġi trażżan ukoll termini ta' preskrizzjoni wara kundanna fl-ewwel istanza, iżda biss mill-2020. Dan tal-aħħar huwa pass pożittiv li ilu mistenni f'konformità mal-istandards internazzjonali. Madankollu, it-trażżin tal-korruzzjoni għadu ineffettiv fl-Italja, prinċipalment minħabba li t-tul tal-proċedimenti kriminali għadu eċċessiv fin-nuqqas ta' riforma tant meħtieġa tal-proċess kriminali, inkluża s-sistema ta' appell biex jiġi evitat l-abbuż ta' litigazzjoni. Barra minn hekk, għad hemm lakuni fil-qafas tal-prosekuzzjoni għal reati speċifiċi, bħal serq ta' flus pubbliċi.

(29) Il-banek Taljani komplew jagħmlu progress tajjeb fit-tiswija tal-karta tal-bilanċ tagħhom minkejja l-pressjoni għda fis-suq. Madankollu, minħabba l-esponiment għoli tagħhom għall-bonds sovrani, il-volatilità tas-suq affettwat b' mod negattiv il-pożizzjonijiet kapitali tagħhom, billi għamlet pressjoni fuq il-kostijiet tal-finanzjament u għamlet aktar diffiċli l-aċċess tagħhom għall-finanzjament tal-operaturi mhux garantit. It-tnaqqis kontinwu tal-istokk ta' legat ta' self improduttiv u self li mhuwiex lest biex jitħallas, għadhom jeħtieġu azzjoni speċjalment għal banek żgħar u tat-tieni saff, sabiex tiġi salvagwardjata ulterjorment l-istabbiltà finanzjarja u tissaħħaħ l-estensjoni tal-kreditu għall-ekonomija. Il-fatt li l-banek, speċjalment dawk iżgħar, jagħmlu passi 'l quddiem biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' finanzjament regulatorju, jagħti spinta wkoll lir-reżiljenza tas-sistema għal xokkijiet esterni. Huwa importanti wkoll li l-profittabbiltà strutturali baxxa tal-banek tiġi indirizzata billi titjeb l-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tal-mudell. L-implimentazzjoni f' waqtha tad-digriet ta' riforma ta' insolvenza tgħin biex jitħaffu l-proċeduri ta' esklużjoni u ta' infurzar tal-kollateral li għadhom baxxi u tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju. Kwalunkwe kumpens mogħti mill-Istat lill-azzjonisti u d-detenturi ta' dejn subordinat ta' banek soġġetti għal proċeduri amministrattivi ta' likwidazzjoni tal-passat jenħtieġ li jkun immirat b' mod strett lejn l-indirizzar tal-effetti soċjali ta' bejgħ mhux adatt fil-passat. Il-governanza fis-sistema bankarja jenħtieġ li tittejjeb aktar, billi titlesta fil-pront ir-riforma tal-2015 tal-banek kooperattivi l-kbar wara li tkun ġiet stabbilita ċ-ċarezza legali.

- (30) Il-kreditu bankarju jibqa' s-sors dominanti ta' finanzjament korporattiv. Madankollu, kumpaniji iżgħar u innovattivi għadhom ibatu biex ikollhom aċċess għall-kreditu, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Italja. Is-suq kapitali huwa sottożviluppat meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, ukoll minħabba fatturi li jxekklu d-domanda, bħalma huma l-edukazzjoni finanzjarja baxxa, il-biża' li jintilef il-kontroll fuq in-negozju u rekwiżiti amministrattivi ta' piż. Diversi miżuri ġew introdotti f'dawn l-aħħar snin biex jitjieb l-aċċess għall-finanzi, li jiffoka l-aktar fuq il-kanal tal-kreditu tal-bank, għalkemm miżuri bbażati fuq is-suq bħal mini-bonds, is-suq ta' investiment alternattiv, il-kapital ta' riskju u l-appoġġ pubbliku dirett għenu wkoll ditti iżgħar u innovattivi biex jiksbu aċċess għal finanzjament. It-tneħħija tal-provvediment għall-ekwità korporattiva mill-baġit tal-2019 tista' tnaqqas l-inċentivi għall-kumpaniji biex jużaw il-finanzjament tal-ekwità. It-tisħiħ effettiv tal-aċċess mhux bankarju għall-finanzjament jirrikjedi li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' ditti iżgħar u innovattivi kif ukoll il-kapaċità tal-investituri biex jevalwaw il-proġetti ta' investiment. Id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament tipproteġi aħjar l-investiment tal-kumpaniji minn xokkijiet fis-settur bankarju, filwaqt li tappoġġa l-innovazzjoni u t-kabbir.
- (31) L-ipprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti lill-Italja tagħmel l-aħjar użu ta' daww il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiż għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huwa fattur importanti għas-suċċess ta' dan l-investiment.
- (32) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Italja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

- (33) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 u l-opinjoni tiegħu⁸ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (34) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) ta' hawn taħt. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jagħtu kontribut ukoll għall-implimentazzjoni tal-ewwel erba' rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro. Il-politiki fiskali msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jikkontribwixxu inter alia biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi marbuta mad-dejn għoli tal-gvern,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tiegħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tiżgura tnaqqis nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ta' 0,1 % fl-2020, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Tuża qligħ mhux mistenni biex tħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali. Iċċaqlaq it-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol, inkluż billi tnaqqas in-nefqa tat-taxxa u tirriforma l-valuri katastrofali skaduti. Tiġġieled kontra l-evażjoni tat-taxxa, speċjalment fil-forma ta' fatturat li ma jsirx, inkluż billi jissaħħaħ l-użu obbligatorju ta' pagamenti elettroniċi, inkluż permezz ta' limiti legali aktar baxxi għal pagamenti fi flus kontanti. Timplimenta b'mod sħiħ riformi tal-pensjonijiet imgħoddija biex tnaqqas is-sehem ta' pensjonijiet fl-infiq pubbliku u toħloq spazju għal infiq ieħor soċjali u li jsaħħaħ it-tkabbir.
2. Iżżid l-isforzi biex tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat. Tiżgura li s-suq tax-xogħol attiv u l-politiki soċjali jkunu integrati b'mod effettiv u jilħqu b'mod partikolari liż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli. Tappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' strateġija komprensiva, inkluż permezz ta' aċċess għal kura tat-tfal ta' kwalità u kura fit-tul. Ittejjeb l-eżiti edukattivi, anki permezz ta' investment adegwat u mmirat, u trawwem it-titjib tal-ħiliet, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-ħiliet diġitali.

⁸ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kwalità tal-infrastruttura, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali. Ittejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż billi tinvesti fil-ħiliet tal-impjegati pubbliċi, billi taċċellera d-diġitalizzazzjoni, u billi żżid l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi lokali. Tindirizza restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-immnut u fis-servizzi tan-negozju, ukoll permezz ta' liġi ġdida annwali dwar il-kompetizzjoni.
4. Tnaqqas it-tul ta' proċessi ċivili fl-istanzi kollha billi ssaħħaħ u tissimplifika r-regoli proċedurali, inkluż dawk taħt konsiderazzjoni mil-leġiżlatur u b'attenzjoni speċjali għar-reġimi ta' insolvenza. Ittejjeb l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi tirriforma r-regoli proċedurali biex jitnaqqas it-tul tal-proċessi kriminali.
5. Trawwem ir-ristrutturar tal-karta tal-bilanċ tal-banek, b'mod partikolari għall-banek ta' daqs żgħir u medju, billi ttejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-assi, tkompli tnaqqas is-self improduttiv, u tiddiversifika l-finanzjament. Ittejjeb il-finanzjament mhux bankarju għal ditti iżgħar u innovattivi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
